DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1154

tat-8 ta' Ġunju 2023

li taħtar membru u tliet membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Latvja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Latvjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Inga BĒRZIŅA sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Raimonds ČUDARS u s-Sur Māris SPRINDŽUKS saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Māris ZUSTS bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti.

(6) Il-Gvern Latvjan ippropona lis-Sur Māris ZUSTS, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Deputāts, Saldus novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Saldus), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(7) Il-Gvern Latvjan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: is-Sa Karīna MIĶELSONE, *Deputāte, Ādažu novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Ādaži), is-Sa Vita PAULĀNE, *Deputāte, Ropažu novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Ropaži), u s-Sur Aivars PRIEDOLS, *Deputāts, Dienvidkurzemes novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Dienvidkurzeme),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— is-Sur Māris ZUSTS, *Deputāts, Saldus novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Saldus),

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sa Karīna MIĶELSONE, *Deputāte, Ādažu novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Ādaži),

— is-Sa Vita PAULĀNE, *Deputāte, Ropažu novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Ropaži),

— is-Sur Aivars PRIEDOLS, *Deputāts, Dienvidkurzemes novada dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Ropaži Dienvidkurzeme).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MALMER STENERGARD